


# 100 Sena mit-twaqqif tal-għaqda 'Figlie di Maria' fil-Marsa

*Pawlu Dimech*

Kien nhar l-4 ta' Settembru 1916 li l-Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Mauro Caruana, ħareġ id-digriet li fih ta l-permess meħtieġ biex fil-Parroċċa tas-Santissma Trinità tal-Marsa titwaqqaf l-għaqda 'Figlie di Maria'. Dan sar fuq talba u bit-tħabrik tal-Kappillan tal-Marsa Patri Piju Dimech, Kapuċċin, li kien mix-Xewkija, Għawdex.




Dan id-digriet tal-Arċisqof ġie milqugħ tajjeb tant li kienu bosta dawk ix-xebbiet u t-tfajliet żgħar li wrew interess sabiex jissieħbu f'din l-għaqda 'Figlie di Maria'. L-għaqda ġiet imwaqqfa taħt il-protezzjoni ta' Ommna Marija Immakulata Kunċizzjoni u ta' Santa Anjeże Verġni u Martri bħala patruna tal-fergħa tax-xebbiet. Ftit wara l-kongregazzjoni 'Ulied ta' Marija' tal-Marsa ġiet imsieħba mal-Bażilika ta' Santa Anjeże tal-Belt



ta' Ruma fl-Italja b'digriet li jġib id-data 3 ta' Diċembru 1916.

Nhar it-8 ta' Diċembru 1916, festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, saret l-inawgurazzjoni tal-għaqda 'Figlie di Mara' fil-Knisja Parrokkjali tat-Trinità Qaddisa tal-Marsa fejn diversi xebbiet u tfajliet issieħbu membri fi ħdan din l-għaqda. L-ewwel presidenta kienet is-Sinjorina Giuseppa Żammit u l-ewwel direttur spiritwali kien Patri Fulġenż Grech, Kapuċċin.

Għal din l-okkażjoni speċjali ġiet ordnata u maħduma l-istatwa ta' Sidtna Marija Immakulata Kunċizzjoni taħt it-titlu ta' Lourdes. Din l-istatwa hija tal-kartapesta li saret mill-istatwarju magħruf, is-Sur Wistin Camilleri tar-Rabat,

Għawdex, u saret proprju mitt sena ilu. Fuq ix-xellug tal-istatwa, in-naħa t'isfel mal-burdura, kellha kitba bil-Latin li kienet tgħid "Wistin Camilleri fecit 1916". Din il-kitba kienet tneħħiet meta l-istatwa ġiet restawrata wara li kienu ħaduha biex inħadem id-dramm 'Il-Madonna taċ-Ċoqqa' fuq it-televiżjoni u ġarrbet xi ħsarat żgħar. Din l-istatwa ġibdet lejha devozzjoni qawwija mhux biss mill-membri tal-'Figlie di Maria' iżda minn bosta Marsin u din għadha tinħass sal-lum il-ġurnata. Għalkemm l-istatwa tal-Immakulata



Kunċizzjoni ta' Lourdes tinżamm f'niċċa tal-injam matul is-sena fl-oratorju ta' Sant' Antnin ta' Padova, din tiġi esposta fil-knisja waqt id-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes fi Frar. Ix-xbieha tintrama wkoll fil-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni nhar it-8 ta' Diċembru u għaliha kien sar pedestall u nħadmet raġġiera kbira għal warajha li huma ndurati bid-deheb. Fuq ras il-Verġni Marija nsibu kuruna sabiħa. Għaliha kien inħadem mant sabiħ li kien meħjut mis-Sur Toni Formosa, eks sagristan, fuq ieħor qadim li kien hemm qabel. L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes kienet tiġi armata fuq l-artal maġġur jew fuq il-presbiterju u anki f'nofs il-knisja taħt in-navi, u kemm-il darba nħarġet bil-purċissjoni jew pellegrinaġġ fit-toroq tal-Parroċċa fil-Marsa.

L-għan prinċipali ta' din l-għaqda jew kongregazzjoni tal-'Figlie di Maria' kien li tiġbor fiha bniet u tfajliet u kellha wkoll is-sezzjoni tas-subien taħt il-ħarsien ta' Marija Santissma biex jissaħħu fil-fidi u fl-għemil tal-opri t-tajba permezz tat-tagħlim tal-katekiżmu li minn dejjem inħass il-bżonn tiegħu. Din il-kongregazzjoni kienet tinstab f'diversi parroċċi fid-djoċesi ta' Malta u anki nbnew oratorji biex fihom jilqgħu l-membri għat-tagħlim reliġjuż. Il-membri ta' din l-għaqda kellhom l-ewwel bandalora rrakkmata bix-xbieha tal-Madonna Immakulata Kunċizzjoni għall-użu tagħhom fil-purċissjonijiet. Iżda wara kienu ħadmu bandalora b'rakkmu rikk u imprezzabbli li fiha disinji ta' ward differenti waqt li fin-nofs hemm ix-xbieha rrakkmata tal-Madonna taħt it-titlu ta' Lourdes u madwar ras il-Madonna hemm il-kliem irrakkmat bil-ħjut tad-deheb 'Jiena l-Immakulata Kunċiżżjoni'. Din il-bandalora għadha tintrama fil-Festa Titulari tat-Trinità Qaddisa u tinħareġ fil-purċissjoni qabel l-istandard tal-Madonna tar-Rużarju.

Il-fergħa 'Figlie di Maria' tax-xebbiet kienet attiva fil-parroċċa l-iktar qabel u wara l-gwerra tas-seklu l-ieħor. Nafu li fl-1963 kellha 119-il membru bejn xebbiet u tfajliet wara li kienet reġgħet ħadet spinta 'l quddiem fit-12 ta' Frar 1959 fuq l-inizjattiva tal-Kappillan, Patri Donat Spiteri mill-Marsa. Waħda li ħadmet ħafna għal din il-kongregazzjoni kienet it-tieni presidenta, is-Sinjorina Agnes Schembri. Fis-snin sebgħin l-għaqda bdiet tnaqqas fin-numru ta' membri sakemm spiċċat fix-xejn.

L-għaqda 'Figlie di Maria' kellha wkoll il-fergħa



tas-subien li kienet taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija u San Alwiġi Gonzaga. Kienet ġiet imwaqqfa b'digriet tal-Arċisqof Monsinjur Mauro Caruana fil-11 ta' Novembru 1921 fuq talba tal-Kappillan Patri Piju Dimech. L-ewwel direttur spiritwali kien Patri Franġisku Saverju Fenech li wara li telaq missjunarju fl-1923 kien imbagħad sar l-Isqof ta' Jhansi fl-Indja. Għall-inawgurazzjoni tal-fergħa tas-subien kienet inħadmet statwa ta' San Alwiġ Gonzaga mill-istatwarju Wistin Camilleri li tinsab fl-oratorju. Din l-istatwa kienet tinħareġ fil-purċissjoni tal-preċett u kienet tintrefa' mill-abbatini l-kbar. Kemm il-fergħa tat-tfajliet kif ukoll dik tas-subien kienu ħadu sehem fil-korteo tal-funeral ta' Lorenzo Balbi. Il-fergħa tas-subien jidher li ma kinitx daqshekk attiva bħalma kienet tat-tfajliet.

Mat-twaqqif ta' diversi għaqdiet oħra fil-Parroċċa, l-għaqda 'Figlie di Maria' spiċċat u fadal biss dawn it-tifkiriet li semmejna flimkien mal-bandalori u l-istatwi li jfakkruna fl-istorja ta' din il-kongregazzjoni fil-Marsa.